MALTA

# QORTI KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF LAWRENCE QUINTANO

Seduta tad-19 ta' Novembru, 2012

Numru 5/2009

Ir-Repubbblika ta’ Malta
Vs
Matthew-John Migneco

Il-Qorti,

Rat l-Att tal-Akkuża numru 5 tas-sena 2009 kontra l-akkużat Matthew-John Migneco li bih huwa ġie akkużat talli:

1. Wara li l-Avukat Ġenerali ppremetta fl-Ewwel Kap illi fis-27 ta Lulju 2004 il-Pulizija intercettaw il-vettura Subaru J10 bir-registrazzjoni DAS-745 misjuqa mil-akkuzat in-Nadur Ghawdex li go fiha kien hemm hmistax il-sapuna tar-resina tal-cannabis li kienet intiza biex tigi kunsinnata lil certu Buttigieg hemm residenti u wara traffikata. Illi Matthew-John Migneco kien fil-pussess illegali fil-fatt, ta’ 3557.7 grammi tal-istess ammont konsiderevoli ta droga li

certament ma kienitx ghal uzu esklussiv tieghu u kellu jakkumpanjah lil Joseph Rizzo.

Ir-raza mehuda mill-pjanta cannabis hija medicina perikoluza ikkontrollata bil-ligi taht l-Ordinanza dwar Medicini Perikoluzi, u ma kien hemm ebda licenzja jew awtorizzazzjoni mahruga taht l-Ordinanza dwar Medicini Perikoluzi li tawtorizza l-importazzjoni tad-droga perikoluza msemmija.

Illi b'ghemilu l-imsemmi Matthew-John Migneco sar hati talli kellu fil-pussess tieghu d-droga raza mehuda mill-pjanta cannabis bi ksur tal-ligi, b'dan, li r-reat kien wiehed taht tali cirkustanzi li juru li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv tieghu.

Ghaldaqstant, l-Avukat Generali fl-isem fuq imsemmi akkuza lill-imsemmija Matthew-John Migneco, hati talli kellu fil-pussess tieghu d-droga raza mehuda mill-pjanta cannabis jew xi preparazzjonijiet li ikollhom bhala bazi din ir-raza, bi ksur tal-ligi, b'dan, li r-reat kien wiehed taht tali cirkustanzi li juru li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv tieghu.

Talab illi jinghamel skond il-ligi kontra l-imsemmija akkuzat u illi jigi kkundannat ghal piena ta' prigunerija ghal ghomru u multa ta' mhux inqas minn elfejn tlett mija u disa u ghoxrin euro u seba u tletin centezmi (2329.37) izda mhux izjed minn mija u sittax il-elf erba mija u tmienja u sittin euro u seba u sittin centezmi (116468.67) u l-konfiska favur il-Gvern tal-oggetti kollha li dwarhom sar ir-reat u l-konfiska favur il-Gvern ta' kull flejjes jew proprjeta' mobbli u immobbli ohra tal-persuna hekk misjuba hatja, skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 8(a)(b), 10(1), 12, 14(1)(5), 20, 22(1)(a)(2)(a)(i)(ii), 22(2)(b)(i) u 26 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap.101) u r-regola 8 tar-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tal-Medicini Perikoluzi (G.N.292\39) u fl-artikoli 23, 20, 17(b) u 533 tal-Kodici Kriminali, jew ghal kull piena ohra li tista' skond il-ligi tinghata ghall-htija tal-imsemmi akkuzat.

2. Wara li l-Avukat Generali ppremetta fit-Tieni Kap illi fis-27 ta’ Lulju 2004 u fix xhur ta’ qabel Matthew-John Migneco kien juza u jixtri d-droga kokajina illegalment peress li kellu l-istess vizzju. Illi gieli anki kien xtara minghand Rizzo li dakinhar inqabad ukoll bid-droga mieghu.

Illi d-droga kokajina hija droga specifikata fl-ewwel skeda mal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap.101) u l-imsemmi Matthew-John Migneco ma kellux awtorizzazzjoni ghall-esportazzjoni jew importazzjoni tad-droga msemmija mahruga mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-dispozizzjonijiet tat-Taqsima V ta’ l-Ordinanza msemmija u ma kienx bil-licenzja jew xort’ohra awtorizzati li jimmanifatura jew iforni dik id-droga. Anqas ma kien b’xi mod iehor licenzjat jew awtorizzat skond il-ligi li jkollu din id-droga fil-pussess tieghu mill-President ta’ Malta u anqas kien awtorizzat mill-President ta’ Malta li jkollu id-drogi fil-pussess tieghu.

Illi b’ghemilu, l-imsemmi Matthew-John Migneco sar hati talli kellu fil-pussess tieghu d-droga kokajina meta huwa ma kienx awtorizzat ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni b’licenzja mahruga mit-Tabib Principali tal-Gvern skond il-ligi, u ma kienx bil-licenzja jew xort’ohra awtorizzat li jimmanifattura jew li jforni dik id-droga, u ma kienx b’xi mod iehor licenzjat jew awtorizzat li jkollu fil-pussess tieghu l-istess droga, u anqas ma dik id-droga kienet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ricetta mahruga skond il-ligi.

Ghaldaqstant l-Avukat Generali fl-isem fuq imsemmi akkuza lill-imsemmi Matthew-John Migneco hati talli kellu fil-pussess tieghu d-droga kokajina meta huwa ma kienx awtorizzat ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni b’licenzja mahruga mit-Tabib Principali tal-Gvern skond il-ligi, u ma kienx bil-licenzja jew xort’ohra awtorizzat li jimmanifattura jew li jforni dik id-droga, u ma kienx b’xi mod iehor licenzjat jew awtorizzat li jkollu fil-pussess tieghu l-istess droga, u anqas ma dik id-droga kienet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ricetta mahruga skond il-ligi.

Talab illi jinghamel skond il-ligi kontra l-imsemmija akkuzat u li huwa jigi kkundannat ghall-piena ta' prigunerija ghal zmien mhux anqas minn tnax-il xahar izda mhux izjed minn ghaxar snin u ghal multa ta mhux anqas minn erba' mija u hamsa u sittin euro u sebgha u tmenin centezmi (465.87) u mhux aktar min tlieta u ghoxrin elf mitejn u tlieta u disghin euro u tlieta u sebghin centezmi (23293.73) u l-konfiska ta' l-oggetti kollha li dwarhom sar ir-reat skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 9,10(1), 12, 14(1)(5),20,22(1)(a)(2)(a)(ii) u 26 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap.101) u r-regola 9 tar-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikioluzi (G.N.292/39) u fl-artikoli 23 u 533 tal-Kodici Kriminali, jew ghal kull piena ohra li tista' skond il-ligi tinghata ghall-htija tal-imsemmi akkuzat.

Rat l-atti kollha proċesswali, inklużi l-atti tal-kumpilazzjoni.

Isegwi għalhekk li l-Qorti Kriminali għandha tilqa' n-Nota tal-Avukat Ġenerali li kienet ippreżentata llum seduta stante li biha l-Avukat Ġenerali ċeda l-Ewwel Kap tal-Att tal-Akkuża fl-ismijiet fuq premessi, u cioe' il-kap relattiv għall-pussess aggravat tal-cannabis filwaqt li żamm ferm it-Tieni Kap u cioe' l-Kap relattiv għall-pussess sempliċi tad-droga kokajina.

Rat ukoll ir-rikors konġuntiv li biha l-partijiet iddikjaraw li qablu fit-termini tal-artikolu 453A(1) tal-Kodiċi Kriminali u umilment talbu lil din l-Onorabbli Qorti illi fl-eventwalita' li jkun hemm ammissjoni da parti tal-akkużat Matthew John Migneco għall-akkuża miġjuba kontrih skont it-Tieni Kap tal-Att tal-Akkuża fl-ismijiet fuq premessi, u dana wara li permezz ta' Nota ppreżentata kontestwalment l-esponent Avukat Ġenerali kien qiegħed iċedi l-Ewwel Kap tal-istess Att tal-Akkuża, l-akkużat Matthew John Migneco għandu jiġi liberat bil-kundizzjoni li ma jagħmel ebda reat għal perjodu ta' sentejn, u dan ai termini tal-artikolu 22 tal-Kap 446 tal-Liġijiet ta' Malta, u dan oltre kwalsiasi sanzjoni u / jew konsegwenza oħra konsegwenzjali għad-dikjarazzjoni u sejbien ta' ħtija ai termini tal-Kap 9 u l-Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat illi waqt is-seduta tal-lum, l-akkużat, mistoqsi jekk huwiex ħati skont ir-rikors konguntiv tal-Avukat Generali u tad-Difiza wieġeb billi stqarr li huwa kien ħati tat-Tieni Kap kif hemm dedott kontra tiegħu fl-Att tal-Akkuża;

Rat illi wara li l-Qorti wissiet lill-akkużat b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' din it-tweġiba u tatu ftit taż-żmien biex jerga' lura minnha, kif obbligata li tagħmel skond l-artikolu 453 (1) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-akkużat baqa' jtenni t-tweġiba li huwa kien ħati tat-Tieni Kap.

Tiddikjara għalhekk lill-ħati Matthew-John Migneco, ħati talli:

1. fis-27 ta' Lulju, 2004 u fix-xhur ta' qabel, kellu fil-pussess tieghu d-droga kokajina meta huwa ma kienx awtorizzat ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni b'licenzja mahruga mit-Tabib Principali tal-Gvern skond il-ligi, u ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew li jforni dik id-droga, u ma kienx b'xi mod iehor licenzjat jew awtorizzat li jkollu fil-pussess tieghu l-istess droga, u anqas ma dik id-droga kienet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ricetta mahruga skond il-ligi, u dana skont it-Tieni Kap tal-Att tal-Akkuża.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-ħati esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti u eżaminata mid-difiża.

Qieset li l-ammissjoni saret qabel ma ġie iffurmat il-ġuri.

Semgħet it-trattazzjoni tal-abbli Prosekutur u tal-abbli Difensur dwar il-piena.

Is-sottomissjonijiet tad-difiża kienu dawn:

1. Illi llum il-hati qata' l-vizzju tad-droga
2. Illi ma hemmx spejjez ta' esperti in konnessjoni ma' t-tieni kap.

Ikkonsidrat

(1) L-Att tal-Akkuża oriġinarjament kellu tliet kapi. Wara li nstemgħu l-eċċezzjonijiet preliminari tal-akkużat, il-Qorti Kriminali, diversament preseduta għaliex kien ippresieda l-President Emeritus Dr Vincent Degaetano, kienet ordnat li jsiru ċerta korrezzjonijiet u meta reġa' ġie ppreżentat l-Att tal-Akkuża , dan kien fih biss żewġ Kapi.

(2) Skont l-Artikolu 91(3) tal-Kostituzzjoni huwa l-Avukat Ġenerali li jrid jiddeċiedi fuq liema akkuża persuna għandha titressaq jew liema akkużi għandhom ikunu eliminati. L-Avukat Ġenerali m'hu suġġett għall-ebda direzzjoni jew kontroll. Fil-fatt dan l-artikolu jgħid hekk:

Fl-eżerċizzju tas-setgħat tiegħu biex jistitwixxi, jagħmel u jwaqqaf proċeduri kriminali u ta' kull setgħat oħra mogħtija lilu b'xi liġi f 'termini li jawtorizzawh li jeżerċita dik is-setgħa fil-ġudizzju individwali tiegħu l-Avukat Ġenerali ma jkunx suġġett għad-direzzjoni jew kontroll ta' ebda persuna jew awtorità oħra.'

(3) Isegwi għalhekk li l-Qorti Kriminali għandha tilqa' n-Nota tal-Avukat Ġenerali li kienet ippreżentata llum seduta stante li biha l-Avukat Ġenerali ċeda l-Ewwel Kap tal-Att tal-Akkuża fl-ismijiet fuq premessi, u cioe' il-kap relattiv għall-pussess aggravat tal-cannabis filwaqt li żamm ferm it-Tieni Kap u cioe' l-Kap relattiv għall-pussess sempliċi tad-droga kokajina.

(4) Rat ukoll ir-rikors konġuntiv li biha l-partijiet iddikjaraw li qablu fit-termini tal-artikolu 453A(1) tal-Kodiċi Kriminali u umilment talbu lil din l-Onorabbli Qorti illi fl-eventwalita' li jkun hemm ammissjoni da parti tal-akkużat Matthew John Migneco għall-akkuża miġjuba kontrih skont it-Tieni Kap tal-Att tal-Akkuża fl-ismijiet fuq premessi, u dana wara li permezz ta' Nota ppreżentata kontestwalment l-esponent Avukat Ġenerali kien qiegħed iċedi l-Ewwel Kap tal-istess Att tal-Akkuża, l-akkużat Matthew John Migneco għandu jiġi liberat bil-kundizzjoni li ma jagħmel ebda reat għal perjodu ta' sentejn, u dan ai termini tal-artikolu 22 tal-Kap 446 tal-Liġijiet ta' Malta, u

dan oltre kwalsiasi sanzjoni u / jew konsegwenza oħra konsegwenzjali għad-dikjarazzjoni u sejbien ta' ħtija ai termini tal-Kap 9 u l-Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta.

(5) Illi ġaladarba fl-Att tal-Akkuża baqa' biss il-Kap dwar il-pussess sempliċi, in vista ta' ħafna sentenzi oħra mogħtija dwar pussess sempliċi ta' kokaina, in vista tal-fatt li l-fedina penali tal-akkużat hija nadifa, u fl-aħħarnett minħabba l-fatt li llum l-akkużat infatam għal kollox minn dan il-vizzju, il-Qorti qed taċċetta il-kwalita' ta' 'piena' jew 'sanzjoni' suġġerita.

Il-Qorti, għalhekk, wara li rat l-ammissjoni tal-akkużat li saret illum, wara li rat ir-regolament 9 tal-GN 232/1939 u l-artikolu 22(1)(b)(ii) tal-Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta, qed issib lill-Akkużat ħati tat-Tieni Kap biss tal-Att tal-Akkuża. Flok tikkundanna lill-akkużat, qed tilliberah bil-kundizzjoni li ma jagħmel ebda reat ieħor fi żmien sentejn mil-lum. Il-Qorti qed twissi bl-aktar mod ċar li jekk tinkiser din il-kundizzjoni, allura l-ħati jkollu wkoll jiffaċċja konsegwenzi serji b'konnessjoni mar-reat li huwa msemmi fit-Tieni Kap tal-Att tal-Akkuża.

Dwar l-ispejjeż, ai termini tal-artikolu 533 tal-Kap 9, il-Qorti nnotat il-verbal magħmul illum mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiża. Minħabba li ma jirriżultax li saru xi spejjeż b'konnessjoni mat-Tieni Kap tal-Att tal-Akkuża, allura l-Qorti m'hi ser tagħmel ebda kundanna dwar il-ħlas tal-ispejjeż.

Dwar id-droga kokajina li nstabet in konnessjoni mat-Tieni Kap, il-Qorti qed tordna li din għandha tkun distrutta, jekk l-Avukat Ġenerali fi żmien ħmistax-mil-lum ma jindikax li għandu bżonnha għal xi każ li għadu pendenti. Ir-Reġistratur għandu jippreżenta proċes verbal dwar din id-distruzzjoni u dan il-proċess verbal għandu jitpoġġa fil-proċess ta' llum.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------